Kunsill Lokali Fontana

Minuti tal-1 (l-ewwel) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar is-Sibt 6 ta' April 2013 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'12.00p.m.

Prezenti għall-laqgħa: Kunsilliera

Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Saviour Borg
Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Carmel Farrugia

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Louis Stefan Magrin

Is-Sur Mario Mercieca talab li jkun skużat minħabba raġunijiet personali.

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet b'talba u kienet preseduta mis-Sur Carmel Farrugia bħala l-aktar Kunsillier anzjan. Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-ħatra tas-Sindku.

## 2. Ħatra ta' Sindku

2.1 Il-Kunsillier is-Sur Carmel Farrugia staqsa lill-Kunsillier is-Sur Saviour Borg jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Il-Kunsillier is-Sur Saviour Borg aċċetta din il-kariga u għaldaqstant ġie dikjarat Sindku.

## 3. Ħatra ta' Viċi-Sindku

3.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur Victor Cefai jaċċettax il-kariga ta' Viċi-Sindku. Il-Kunsillier is-Sur Victor Cefai aċċetta din il-kariga u għaldaqstant ġie dikjarat Viċi-Sindku.

## 4. Iffirmar tal-aċċettazzjoni

4.1. Is-Sindku u l-Viċi-Sindku iffirmaw l-aċċettazzjoni ta' Sindku u Viċi-Sindku rispettivament. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għadda lis-Sindku l-Insignia u l-*Laple Badge*.

4.2. Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li ser tiġi ordnata *badge* bl-arma tal-Kunsill li tkun tad-deheb għal-kunsilliera l-ġodda bħalma sar fis-snin ta' qabel. Il-Kunsill qabel.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

Is-Sindku ta merħba lill-Kunsillier il-ġdid preżenti is-Sur Carmel Farrugia fil-Kunsill Lokali tal-Fontana. Is-Sindku talab il-koperazzjoni tal-Kunsilliera kollha sabiex jaħdmu flimkien għall-ġid tal-lokal u jpoġġu l-ewwel u qabel kollox l-interess tal-lokalità. Is-Sindku awgura li dan il-Kunsill ikun suċċess.

Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef awgura lill-membri kollha preżenti għal-ħatra tagħhom fosthom lis-Sindku li reġa ġie rikonferma, lill-Viċi-Sindku il-ġdid kif ukoll lill-Kunsilliera l- ġodda s-Sur Carmel Farrugia u s-Sur Mario Mercieca li ma kienx preżenti. Huwa talab biex ikun hemm ħidma sfieqa fl-interess tal-lokalità u biex kull kunsillier jiġi rispettat b'mod ugwali kif ukoll it-talbiet u l-ilmenti jiġu imwettqa. Qal ukoll li jemmen li l-Kunsill il-ġdid jista jkun aħjar mill-aħħar wieħed.

Il-minuti ta' din il-Laqgħa ġew ippreparati mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Louis Stefan Magrin, u ippreżentati fil-Laqgħa tal-Ħamis 2 ta' Mejju 2013 mis-Sinjura Amanda Abela.

Il-laqgħa spiċċat fin-12.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 30 ta' April 2013

Amanda Abela
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555